*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,609, 30 ta' April, 1979*
*Taqsima C*

**Nru. 104**

30. 4. 79

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-10 ta' April, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili (Kap. 23).**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs, and read the First time at the Sitting of the 10th April, 1979.

**AN ACT further to amend the Civil Code (Cap. 23).**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

**msejjaħ**

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili (Kap. 23).*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Kodiċi Ċivili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 601 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 601 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jippubblika b'avviż fil-Gazzetta lista tal-ħwejjeġ mobbli msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u għandu jerġa' jippubblika dik il-lista, barra mill-ħwejjeġ li jkunu ġew mitluba minn sidhom, wara tliet xhur mill-imsemmi avviż.";

(b) minflok il-kelma "sena" fis-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "tliet xhur", u

(ċ) minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Jekk, malli jgħaddu sitt xhur mill-ewwel avviż pubblikat fil-Gazzetta taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-arti-

kolu, la min isib il-ħaġa u lanqas is-sid tagħha ma jagħmel talba għaliha jew għall-prezz tagħha, dik il-ħaġa jew dak il-prezz, skond il-każ, isir proprjetà tal-Gvern.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jħaffef il-proċedura, u jqassar iż-żminijiet legali, dwar ħwejjeġ mobbli mitlufa.

## A BILL

**entitled**

*AN ACT further to amend the Civil Code (Cap. 23).*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Civil Code (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Civil Code, hereinafter referred to as "the principal law".

Amendment of section 601 of the principal law.

2. Section 601 of the principal law shall be amended as follows:

(a) for subsection (2) thereof there shall be substituted the following:

"(2) The Commissioner of Police shall publish by means of a notice in the Gazette a list of the movable things referred to in subsection (1) of this section, and shall re-publish such list, with the exception of the things claimed by their owner, after three months of the said notice.";

(b) for the words "one year" in subsection (3) thereof there shall be substituted the words "three months", and

(c) for subsection (6) thereof there shall be substituted the following new subsection:

"(6) If, within the lapse of six months of the first notice published in the Gazette under subsection (2) of this

section, neither the finder nor the owner claims the thing or the price thereof, such thing or price, as the case may be, shall belong to the Government.".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to facilitate the procedure, and shorten the legal terms, regarding lost movable things.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*